MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2006

Numru 1039/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH CORDINA**

**VS**

**PAUL SCERRI**
**JESMOND FENECH**
**VINCENT FRANCICA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Paul Scerri, bin Geatano u Rita nee' Spiteri, imwieled il-Marsa nhar il-15 ta' April, 1956, residenti fil-fond numru 7, Triq Federik, Bormla, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 269456 (M);
Jesmond Fenech, ta' 36 sena, bin Nazzareno u Mary nee' Piscopo, imwieled Tal-Pieta' nhar it-3 ta' Novembru, 1969, residenti fil-fond nurmu 61, Triq Dun Gorg Fenech, Qormi, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 464869 (M);

U Vincent Francica, ta' 46 sena, bin Alfred u Rosa nee' Marsala,imwieled il-Marsa nhar id-29 ta' Lulju, 1960, residenti fil-fond imsejjah Carolina, Flat 8, Empire Stadium, Gzira, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 547960 (M);

Akkuzati talli:

1. Nhar il-31 ta' Lulju, 2006 u fiz-zminijiet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghlu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex inqanqlu tama jew biza' dwar xi haga kimerika, ghamlu qliegh ta' madwar Lm544.00 (hames mija u erbgha u ebghin lira maltin), bi hsara lil Silvio Sammut, Francis Galea u Joseph Zammit tal – Assoccjazzjoni tat-Trasport Pubbliku;

2. U aktar talli fl-istess cirkostanzi ghamlu qliegh b'qerq bi hsara ta' Silvio Sammut, Francis Galea u Joseph Zammit tal –Assoccjazzjoni tat-Trasport Pubbliku;

3. U aktar talli fl-istess cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara tammonta ghal Lm300.00 (tlitt mitt lira maltin);

4. U aktar talli fl-istess cirkostanzi minghajr awtorizzazzjoni gharrqu t-thaddim ta' xi sistema, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamlu uzu minnhom;

5. U aktar talli fl-istess cirkostanzi minghajr awtorizzazzjoni installaw, nehhew, biddlu, ikkancellaw, qerdu, jew varjaw jew ziedu ma' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg;

6. U aktar talli fl-istess cirkostanzi minghajr awtorizzazzjoni, immodifikaw taghmir jew provvisti tal-computer li jintuzaw jew li huma mahsubin li jintuzaw f'xi computer, sistema ta' computer jew computer network;

7. U aktar talli fl-istess cirkostanzi minghajr awtorizzazzjoni hadu fil-pussess ta', ghamlu hsara fi, jew qerdu xi computer, sistema ta' computer, computer network, jew provvisti ta' computer li jintuzaw jew li huma mahsubin li jintuzaw f'xi computer, sistema ta' computer jew computer network, jew hassru t-thaddim ta' xi wiehed minnhom.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputati, fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri wara li nghataw zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkusidraw din l-ammissjoni taghhom.

Wra li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310(1)(b), 325(1)(b), 337C(1)(b)(d)(e)(g), 337D(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmija mputati hatja, izda ghaldaqstant tillibera lil Paul Scerri bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2), ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
U tillibera wkoll lil Jesmond Fenech u Vincent Francica bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax(18)-il xahar, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------